MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 1079/2008

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Intramed Limited bhala debitur principali u Claude u Marcelline konjugi Muscat bhala garanti solidali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-bank attur fis-27 ta’ Ottubru, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :
Illi l-Bank rikorrenti permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Hugh Grima li jgib d-data tat-tnejn (2) ta’ Novembru, tas-sena elf disa’ mija tmienja u disghin (1998) li kopja legali tieghu hija hawn annessa u mmarkata Dok “A” ikkonceda lis-socjeta intimata Intramed Limited facilita ta’ “overdraft” u in forza ta’ din il-facilita l-imsemmija socjeta intimata

ssellfet flus minghand il-Bank rikorrenti u ghandha debitu bilancjali favur l-istess Bank rikorrenti ta’ tmintax-il elf, seba’ mija tnejn u sittin punt disgha tlieta Ewro (€18,762.93) skond “statement” hawn anness u mmarkat Dok “B” bl-interessi kkalkolati sat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008), oltre l-imghaxijiet ulterjuri mil-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) sad-data tal-pagament effettiv, u ggarantiet l-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu permezz ta’ ipoteka generali fuq hwejjigha kollha prezenti u futuri u l-konvenuti Claude u Marcelline konjugi Muscat ggarantew b’mod solidali il-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu permezz ta’ ipoteka generali fuq il-hwejjeg kollha taghhom prezenti u futuri kif jkoll ipoteka specjali fuq il-proprjeta taghhok fl’Ibragg skond kif ahjar deskritt fl-imsemmi kuntratt;

Illi l-intimati naqsu milli jaghmlu il-pagamenti akkont skond kif pattwit;

Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu, l-intimati baqaw inadempjenti;

Talab li l-konvenuti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1) tikkundanna lill-intimati in solidum ihallsu lil Bank rikorrenti s-somma ta’ tmintax-il elf seba’ mija tnejn u sittin punt disgha tlieta Ewro (€18,762.93) skond “statement” hawn anness u mmarkat Dok “B” bl-interessi kkalkolati sat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008), oltre l-imghaxijiet ulterjuri mil-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet legali mil-24 ta Settembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata li d-diretturi taghha huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni taghhom u kontra l-intimati garanti solidali li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat il-lista tax-xhieda tal-bank attur;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw risposta guramentata u hekk baqghu kontumaci;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lil Philip Saliba ghall-bank attur fis-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2009 jikkonferma bil-gurament illi l-bank attur kien baqa ma thallas xejn minghand il-konvenuti;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta ippruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici, kif dedotta fir-rikors guramentat u hekk tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-bank attur s-somma ta' tmintax-il elf seba' mija tnejn u sittin punt disgha tlieta Ewro (€18,762.93) skond "statement" hawn anness u mmarkat Dok "B" bl-interessi kkalkolati sat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008), oltre l-imghaxijiet ulterjuri mil-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------